MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 344/1997/1

**Avviz.  numru 344/97**

**Numru**

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota tal-15 ta' April 1998 is-socjeta kummercjali Maltacom p.l.c. qed tassumi l-atti tal-kawza.**

**Vs**

**Dr Joseph Zammit Tabona u b'digriet tas-7 ta' Marzu, 1997 wara rikors ta' Dr Joseph Zammit Tabona, Angelo Vittadello gie kjamat in kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm161.02 (mija u wiehed u sittin lira Maltin u

zewg centezmi) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 310771 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz Dokument A) liema servizz gie stallat fil-fond 19, Flat 4, u b'digriet tad-19 ta' Gunju 2000 l-indirizz gie mibdul ghal 20 flat 2, Sir George Borg Street, Sliema skond ma kif jidher mis-servizz agreement anness mad-Dokument B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju, 1996, t-taxxi fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-imsemmija digriet u nota a fol 8, 9 u 38 tal-atti (ara ukoll id-digriet a fol 68 u fol 69 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 10 sa fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li l-appartament imsemmi fil-kawzali qatt ma kellu servizz tan-numru de quo. Il-kawzali hija errata, ghax it-telephone 310771 qatt ma gie installat fl-appartament imsemmi No 4/19 Sir Gorg Borg Street, Sliema gia Point Street, tas-Sliema, li ilu jgawdi it-telephone number tieghu fuq 20 sena u cioe bin-numru 336587 (Dok 'A'). Il-kuntratt ezebit gie kancellat, u fid-9 ta' Novembru 1994 saret talba lill-Korporazzjoni 'for change of address for new telephone service', kollox ex novo, sabiex servizz gdid jigi istallat fi flat fi blokk gdid No 20/2 Sir George Borg, tas-Sliema u b'rikjesta allura li t-titular tas-servizz ikun l-inkwilin tal-appartament Angelo Vittadello, u s-serivzz gie installat fid-9 ta' Dicembru 1994. (Dok B) fl-appartament imsemmi No 20/2, kif jidher ampjament mill-files tal-Korporazzjoni.
2. Illi l-esponent qatt ma iffirma ebda kuntratt in konnessjoni mas-serivzz tat-telephone fornit ghall-appartament 20/2 Point Street sive Sir George Borg Street, tas-Sliema, u cioe ghan-numru 310771, fil-flat ta' Angelo Vittadello, imma biss ghal 19/4 , li baqa' per inutile.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, dan is-servizz gie installat fil-flat numru 2/20 Sir Gorg Borg

Street, unikament fuq ir-rikjesta u fl-interess ta' Angelo Vittadello, li kien ilu inkwilin tal-esponenti pro et noe, fl-istess appartament, u li uza u gawda it-telephone 310771 fid-dekorriment kollu li jkopri il-kont de quo, servizz termiant meta Vittadello hareg mill-flat, liema inkwilin/utenti dejjem qal li ser ihallas, salv xi verifiki, li fil-fatt ilhom li saru minnu. Ghalhekk hemm lok li jig msejjah fil-kawza. Dok '1', Dok '2', Dok '3', Dok '4', u Dok '5'.

4. Illi t-talba biex it-titular tat-telephone, number de quo ikun 'l-inkwilin/utenti' saret mill-ewwel. U jidher car illi l-kont de quo ex admissis ikopri almenu parti tal-periodu de quo, li huwa zgur sussegwenti ghar-rikjesti ulterjuri tal-konvenut, ghalkemm gia rikonoxxuti mill-Korporazzjoni (Dok 'K'). Fil-fatt baqghet ma ghamlet xejn, anka wara r-rikjesta ammessa, u l-posizzjoni baqghet irregolari, bis-servizz rikjest ghall-imsejjah fil-kawza fi flat 2/20, moghti, u moghti bla kuntratt ma hadd; u b'kuntratt referibbli ghas-servizz ghall-appartament gia bit-telephone tieghu (19/4) bhala ebda servizz provdut (ghax revokat, ghax gja kellu) Dok "A")

Ili s-somma de quo tinkorpora l-ammont ta' Lm15.21 bhala 'prezz tas-set mhux ritornat". Izda dana gie konsenjat mar-rikjesta (Dok "O"). Fil-fatt is-set baqa' fil-flat ('disconnected" jistenna biex jigi migbur mill-Korporazzjoni minn meta il-kuntratt 'ossia is-servizz gie terminat. Dana qatt ma gie mitlub lill-esponenti, li ghalhekk jipprotesta ruhu ghall-ispejjes procedurali relattivi ukoll, aldila' tar-riduzzjoni opportuna.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ukoll id-dokumenti annessi mal-istess eccezzjonijiet (fol 12 sa fol 21 tal-atti).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess kjamat in kawza (fol 27 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-ammont ta' Lm161.02 (mija u wiehed u sittin lira maltin u zewg centezmi) mhix dovuta mill-konvenut minhabba illi l-istess konvenut ma kienx qed jokkupa l-

fond 19, Flat 4, Sir Gorg Borg Street, Sliema u ghalhekk ma setghax jaghmel uzu minn dik il-linja telefonika partikolari.
2. Illi inoltre l-eccipjent m'ghandux dak in-numru telefoniku partikolari registrat f'ismu.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet Taghha moghti fid-19 ta' Gunju 2000 u li bih in-numru tal-appartament in kwistjoni fl-avviz in esami gie korrett minn "<u>19 Flat 4</u>" ghal "<u>20 Flat 2</u>" (fol 46 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, jkun opportun li jigu senjalti s-segwenti punti:-

a) Meta gie intavolat l-avviz il-post in kwistjoni, aventi s-servizz ta' telefon numru <u>310771</u>, gie indikat bhala "… fil-fond <u>19, Flat 4</u>, Sir George Borg Street, Sliema.
b) Sussegwentement, permezz ta' digriet in atti moghti fuq talba tas-socjeta attrici (fol 46 ibid), in-numru tal-istess post gie mibdul u korrett ghal "<u>20 Flat 2</u>".
c) Skond id-dokumenti annessi mal-avviz a fol 2 u fol 3 tal-atti, jigi rilevat illi l-konvenut kien iffirma ftehim mal-istess socjeta attrici sabiex fil-post <u>19 Flat 4</u>, Sur George Borg Street, Sliema jigi stallat is-servizz ta' telefon bin-numru <u>310771</u> u dan bhala '<u>Business Rate</u>".
d) Meta xehed, prodott mis-socjeta attrici, l-<u>Prokuratur Legali Noel Scerri</u> (fol 32 et seq ibid) dan, wara li semma li l-ammont pretiz fl-avviz kellu jigi ridott ghal Lm145.81,0 spjega li s-servizz bin-numri 310771 kien irtirat wara l-presentata tal-avviz in esami fil-11 ta' Marzu 1997 peress li "… twaqqaf is-servizz' vis-à-vis l-istess numru. Inoltre x-xhud kompla jghid li dan is-servizz kien jirreferi mhux ghal post originarjament specifikat fl-avviz izda ghal dak, kif korrett, cjoe "20 Flat 2" u kien, l-istess servizz, fuq isem il-konvenut. Dwar dan, il-konvenut stess kien talab "li minflok il-fond 19 Flat 4, is-servizz jigi trasferit fuq il-fond 20, Flat 2'. Inoltre, dwar l-istess punt, ix-xhud kien obliga ruhu li jesebixxi kopja tat-talba maghmula ghal dan il-ghan

mill-konvenut. Difatti dan sar 'seduta stante' fl-17 ta' Frar 2005, meta gew esebiti zewg dokumenti markati Dok NS1 u Dok NS2. Waqt li l-ewwel dokument jinsab di gja esebit a fol 3 u ghalih di gia saret referenza, it-tieni dokument jidher li hu talba maghmula mill-konvenut lill-imsemmija Korporazzjoni Telemalta sabiex is-servizz ta' 'telephone' numru 310771 fl-appartament numru 2 fil-post bin-numru 20 f'Triq Sir George Borg gja Point Street, Sliema jigi trasferit (…'number and account) fuq isem Angelo Vittadello, li jokkupa l-istess appartament u jirrisjedi, f'Malta, mal-familja tieghu. Ix-xhud kompla biex jghid dwar dak li ghadu kemm gie premess, illi cjononostanti, "… s-servizz sallum, ghadu fuq isem Dr Joseph Zammit Tabona".

e) Il-konvenut (fol 34 u fol 50 et seq ibid) jsostni illi hu qatt ma kien applika ghas-servizz in esami, stallat fil-proprjeta tieghu. Inoltre l-utenti effettiv kien l-inkwilin ossija il-kjamat in kawza, Angelo Vittadello. Pero dwar dan il-punt, jkun sufficjenti li terga' ssir referenza ghall-imsemmi Dok NS2, minn fejn, jirrisulta kif di gja nghad, illi l-konvenut kien talab sabiex is-servizz in esami stallat fl-appartment kif korrett, jigi trasferit fuq isem il-kjamat in kawza msemmi. Pero ma irrisultax illi xi ftehim direttament bejn il-Korporazzjoni attrici u l-kjamat in kawza kien gie milqugh (ara ukoll ix-xhieda ta' Angelo Vitadello a fol 67b tal-atti).

f) Jigi notat ukoll illi skond ittra li ggib id-data tal-2 ta' Dicembru 1996 (in atti a fol 16) l-istess Korporazzjoni kienet sostniet illi l-ammont mitlub, bhala hlas minghand il-konvenut kien gie inkors, principalment, "…. Before you requested to transfer service to Mr Vittadello'.

Ikkunsidrat

Illi, wara li ttiehdu l-kunsiderazzjonijiet kif premessi, jidher li, f'dan il-kaz, ma kienx hemm legami ta' natura legali bejn il-kjamat in kawza u s-socjeta attrici izda jissusisti wiehed, bejn l-istess socjeta attrici w il-konvenut u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta fis-sens li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli, legalment, ghall-hlas lis-socjeta attrici tal-amont pretiz fl-aviz u mhux Angelo Vittadello, li ghandu jigi konsiderat bhala

responsabbli ghall-hlas tal-istess ammont, casomai lill-konvenut u dan a basi tal-ftehim ta' lokazzjoni anness mal-atti a fol 18.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-Gudizzju, tilqa' t-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz kontra l-konvenut u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm161.02,0 bl-imghax legali mid-9 ta' Mejju 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 1996 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali. B'riserva 'si et quatenus' ghal kull dritt spettanti lill-konvenut fil-konfront tal-kjamat in kawza msemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------